Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 615 / 2016

Il-Pulizja

Vs

Joseph Grech

Illum 28 ta' Gunju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Joseph Grech detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 156363 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. nhar it-23 ta' Novembru 2011, ghal habta tat-23.15 ta' filghaxija, minn gewwa s-sit ta' kostruzzjoni li tinsab fi Triq il-Vontin, kantuniera ma' triq l-Ewwel ta' Mejju, Fleur-de-Lys, Birkirkara, ikkommettew serq ta' fuel minn go vettura tat-tip Leyland, bin-numru tar-registrazzjoni FAU 954, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u dan a detriment ta' Michael Scicluna u / jew persuna jew persuni ohra;

2. volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsarat ma tiskorriex €116.47 imma hija izjed minn €23.29;

3. saru recidivi ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

KONTRA JOSEPH GRECH WAHDU:

4. nhar it-23 ta' Novembru 2011, ghal habta tat-23.15 ta' filghaxija u fil-granet ta' qabel din id-data, gewwa Birkirkara, Hal Qormi u bnadi ohra fil-Gzejjer Maltin, zamm f' xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu xi arma tan-nar jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, minghajr ma kellu licenzja taht l-istess Att;

5. fl-istess data, hin, lok, cirkostanzi u perjodu ta' zmien, wara li akkwista jew gew f' idejh xi armi tan-nar jew munizzjon xort' ohra milli ghax kellu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija, naqas li minnufih javza lill-Kummissarju tal-Pulizija;

6. nhar it-23 ta' Novembru 2011, ghal habta tat-12.15 ta' filghaxija, gewwa Fleur de-lys, Birkirkara, Hal-Qormi u f' diversi toroq ohra fil-Gzejjer Maltin, saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBR 051 tat-tip Fiat Marea minghajr licenza tas-sewqan meta din kienet skwalifikata ghal sena b' sentenza mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta datata l-20 ta' Jannar 2011 u b' hekk minghajr ma kien kopert b' polza ta' assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni;

7. aktar talli nhar it-23 ta' Novembru 2011 ghal habta tat-23.15 ta' filghaxija, f' diversi toroq gewwa Hal Qormi, saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBR 051 tat-tip Fiat Marea b' mod perikoluz, traskurat u negligent;

8. aktar kiser il-provedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata l-4 ta' Dicembru 2008;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-7 ta' Dicembru, 2016, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 261 (b) (f) (g), 264, 269, 270, 278, 281, 49, 50, 289 u 17 tal-Kapitolu 9, Artikolu 15 tal-Kap 65, Artikolu 4 tal-Kap 104, Artikolu 3 u 55 tal-Artikolu 480, Artikolu 7 u 24 tal-Artikolu 446, ikkundannatu, wara li rat mill-fedina penali tieghu u s-sentenza li poggietu taht ordni ta' probation (dik indikata aktar 'il fuq) ikkundannatu komplessivament ghal sentejn prigunerija oltre li ordnat l-konfiska tal-vettura CBR 051.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Joseph Grech, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-19 ta' Dicembru, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha tvarja u tibdel s-sentenza appellata billi:

**a.** tikkonfermaha kwantu lliberatu mit-tieni imputazzjoni;

**b.** tikkonfermaha kwantu sabitu hati tal-imputazzjonijiet moghtija kontra tieghu a tenur tal-Kap. 65 u tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta ossia ir-raba', il-hames, u s-seba imputazzjonijiet; u

**c.** tirrevoka s-sejbien ta' htija taht l-ewwel, it-tielet, is-sitt u t-tmien imputazzjonijiet moghtija kontra tieghu, ossia ta' serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, l-addebitu tar-recidiva, sewqan minghajr kopertura ta' polza ta' assigurazzjoni u ksur ta' ordni ta' probation u minn kull htija konsegwenzjali; u

**d.** li tibdel il-piena mposta ghal wahda entro il-parametri tal-ligi u li tkun aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju hu car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

## A. Dwar l-apprezzament tal-provi in konnessjoni mar-reat ta' Serq

Bl-akbar dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-esponenti huwa tal-fehemha li dik il-Qorti ghamel apprezzament zbaljat tal-provi u dana stante li ghamlet applikazzjoni u interpretazzjoni zbaljata tal-ligi.

### A. 1 Generali

Fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, ossia tas-serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruq, l-Ewwel Onorabbli Qorti ddecidiet illi "s-serq huwa pjenament pruvat kontra l-imputat anke jekk talvolta ma kienx hu fisikament li ghamel l-'amortio' tar-refurtiva konsistenti fi fuel minn ingenn li kien f' sit ta' kostruzzjoni."

Stante li l-legislatur jonqos milli jiddefinixxi r-reat ta' serq; jehtieg illi ssir referenza ghad-duttrina tal–Qrati taghna skond id-definizzjoni ta' dan ir-reat moghtija minn diversi guristi legali. F' diversi decizjonijiet, fosthom il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Michael Daniel Xuereb'[1], il-Qorti taghmel referenza ghal Carrara fejn huwa **"jghallem illi s-serq huwa "la contrattazzione doloza di cosa altrui fatta invito domine con l' animo di farne lucro""**

Ghaldaqstant a bazi ta' din id-definizzjoni, jehtieg jinghad illi sabiex l-esponenti setgha b' xi mod jew iehor jinsab hati ta' serq, il-prosekuzzjoni kellha d-dmir legali illi tipprova s-sitt elementi li jemergu minn tali definzzjoni, ossia:

- La Contrattazione – It-tehid tal-oggett
- Dolosa – B' qerq

[1] Deciza nhar id-19 ta' Frar, 2014 per Onor. Imhallef M. Mallia

- Di una Cosa – ta' xi oggett partikoli; fil-kaz odjern il-*fuel*
- Altrui – li jappartjeni ghal haddiehor
- Fatto invite domino – minghajr il-kunsens tas-sid
- Con animo di farne lucro (animo lucrandi) – bl-intenzjoni l jaghmel qliegh mill-oggett misruq.

L-esponenti jsostni illi l-elementi kollha tas-serq kif imfissra mill-awtur Carrara u adoperati mill-Qrati taghna ma gewx kollha sodisfatti anzi altru minn hekk.

**A. 2 La Contrattazione**

Skond il-gurisprudenza nostrana li llum il-gurnata hija wahda palesi, ir-reat tas-serq ikun komplut hekk kif ikun hemm it-tehid tal-oggett. Fil-fatt, anke jekk l-elementi l-ohra kollha jezistu, pero ma jkunx hemm dan it-tehid tal-oggett, l-imputat jista' jinstab hati ta' attentat ta' serq pero mhux tar-reat komplut.

Ghalkemm tul iz-zminijiet, hafna guristi ppruvaw jiddefinixxu dan l-element ta' 'contrattazione' madanakollu l-Qrati taghna ghazlu li jhaddnu d-definizzjoni ta' *Carrara.* Skond *Carrara*, ir-reat tas-serq ikun komplut hekk kif l-imputat imiss l-oggett, li ma jappartjeniex lilu, bl-intenzjoni li jisirqu. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet, 'Il-Pulizija vs Jonathan Grech'[2] ssostni illi,

**"jkun hemm dan l-element malli l-oggett ikun ittiehed mill-post fejn ikun thalla minn sidu w konsegwentement mhux mehtieg li l-oggett ikun tnehha mill-kamra jew mid-dar tas-sid."**

L-istess Qorti, ppreseduta mill-istess Imhallef fl-ismijiet, 'Il-Pulizija vs Paul Coleiro'[3], il-Qorti tal-Appell Kriminali taghmel referenza ghal dak

[2] Deciza nhar il-31 ta' Lulju, 2008 per Onor. Imhallef J. Galea Debono
[3] Deciza nhar l-24 ta' Settembru, 2009

li jghallem il-professur Anthony Mamo fin-noti tieghu, fejn huwa jghallem illi:

**"This is the act of taking possession of a thing divesting the actual owner. 'Contrectatio' therefore represents the act of completion of the theft and all acts which precede it may, if all other conditions are satisfied, constitute an attempt. But the precise notion of 'contrectatio' is a matter of series controversy among jurists. Three main theories have been propounded."**

Il-Qorti ssostni illi ghalkemm jezistu tlett teoriji, madanakollu il-Qrati taghna dejjem imxew mat-teorija ta' *Carrara*. Fil-fatt f' decizjoni ohra tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Steve Spiteri et.'[4] zammet illi:

**"... il-Mamo jghaddi in rassenja dawn it-tlitt teoriji w cioe' dik li tekwipara l-contrectatio mac-caqlieq tal-oggett mill-post li jkun fih: "amotio"; dik li tghid li l-contrectatio tikkonsisti fl- "apprehensio" jew "amotio de loco ad locum" u cioe' li l-oggett irid ikun inhareg mill- isfera tal-pussess jew kontroll tal-possessur legittimu w it- tielet teorija li ttenni li l-'contrectatio' issir biss meta l-halliel jiehu r-re furtiva fil-post fejn ikollu l-hsieb li johodha "loco quo destinaverat". Jikkonkludi li l-ewwel teorija li avalla l-CARRARA giet generalment segwita w applikata mill-Qrati taghna ghalkemm din hi aktar severa w stretta u li din kienet it-teorija abbraccjata fil-Kodici Penali Naplitan li fuqu l-Kodici Kriminali Malti kien tfassal. Jghid ukoll li din hija t-teorija kienet applikata fil-Common Law Ingliza w li giet moghtija gharfien statutorju fil-Larceny Act Ingliz."**

Tenut kont tas-su espost, jehtieg issir referenza ghad-depozizzjoni ta' Jeffrey Cassar ta' nhar is-7 ta' Frar, 2012 li ghadda proceduri dwar

[4] Deciza nhar l-24 ta' Settembru, 2009 per Onor. Imhallef J. Galea Debono

dan il-kaz u li tali proceduri jinsabu decizi.[5] Fil-fatt ix-xhud a fol. 149 isostni li

**"kienet kumbinazzjoni li ltqajt mal-imputat u jiena kont tlabtu biex jigi mieghi u kont ghidtlu li kien hemm 3 laned diesel u ridt nghabbihom. Kont tlabt lill-imputat anke ghaliex hu kellu karozza u jien ma kellix."**

Di piu', ghalkemm ix-xhud matul tali depozizzjoni gie mistoqsi ghal darba, tnejn, tlieta u ghal aktar drabi dwar il-mument li huwa gharraf lill-appellant li dak id-diesel kien ghadu kif serqu, ix-xhud baqa' konsistenti fi kliemu u dejjem sostna li huwa gharraf lill-appellant dwar din is-serqa **"malli konna qed nghabbuhom fil-karozza."[6]** Fil-fatt ix-xhud jghid li qabbad lill-esponenti jwasslu ghax kellhu **3 laned diesel ha [j] ghabbiehom u imbaghad qaghad jistennie[h] [j]imliehom "imma hu ma kien jaf xejn" [7]** L-istess xhud jikkonferma illi la fit-triq lejn B' Kara kif ukoll lanqas meta x-xhud dahal jisraq, l-appellant kien ghadu ma jaf xejn dwar is-serqa.

Ghalkemm skond ir-relazzjoni ta' PS 198 Arthur Debattista, specifikament skond l-immagini b' referenza FS111988 11CYL 136, FS111988 11CYL 137, FS111988 11CYL 138, FS111988 11CYL 139, FS111988 11CYL 140, FS111988 11CYL 141, FS111988 11CYL 142, FS111988 11CYL 143 u FS111988 11CYL 144 jidher illi nstabu xi marki ta' qiegh ta' zarbun, madanakollu il-prosekuzzjoni naqset milli ggib prova wahda li turi li tali boot-prints huwa taz-zarbun li kien liebes l-esponenti sabiex b' hekk jkun ippruvat li huwa dahal fis-sit in kwistjoni u b' hekk kien involut fis-serq.

Fid-dawl tal-fatt li l-prosekuzzjoni naqset milli ggib prova kuntrarja li tmeri u tgiddeb ix-xhieda ta' Jeffrey Cassar jew l-istqarrija rilaxxata

[5] Vide fol. 148 et. Seq. tal-Atti Processwali
[6] Vide fol. 155 tal-Process
[7] Vide fol. 154 tal-Process

mill-esponenti stess nhar l-24 ta' Novembru, 2011, l-esponenti jemmen u jishaqq li ma tezisti l-ebda raguni u/jew fatt legalment u ragjonevolment validu li a bazi taghha tali verzjoni m' ghandiex tigi meqjusa bhala wahda veritjiera.

**A. 3 Animo Lucrandi**

Illi sabiex l-esponenti setgha' jinstab hati tar-reat ta' serq, il-prosekuzzjoni kien jehtigielha tipprova li l-appellant wettaq din is-serqa bl-intenzjoni li jaghmel qliegh. Fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs John Galea et.' [8] , l-argumenti tal-appellanti kien li fil-waqt li mill-provi rrizultaw l-elementi kollha tar-reat tas-serq, dak tal- "animus lucrandi" jew tal- "animo di farne lucro" ma rrizultax. Il-Qorti tal-Appell Kriminali, sabiex tanalizza jekk l-Ewwel Qorti ghamlitx apprezzament tal-provi sufficjenti fir-rigward ta' dan l-element rekwizit mil-ligi, ghamlet riferenza ghal diversi guristi. Fil-fatt il-Qorti tal-Appell kriminali sostniet illi skond *Carrara*,

**"il dolo specifico del furto consiste nell'intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll'uso della cosa altrui." u "per lucro qui non s'intende un' effettiva locupletazione ma qualsiasi vantaggio o soddisfazione procurata a se stesso."**

Di piu' *Crivellari* jistipula li:

**"L'elemento intenzionale nel furto non si costruisce gia' col solo animo di prendere ma coll' animo di lucrare."**

B' mod sussidjarju, il-Qorti tal-Appell Kriminali ghamlet referenza ghal dak li jghallem il-Professur Mamo fir-rigward ta' dan l-element formali:

[8] Deciza nhar it-30 ta' Jannar,2003 per Onor. Imhallef J. Galea Debono

**"..it suffices that the purpose of deriving a gain in the above sense existed in the intention of the agent ; it is not required for the completion of the crime that such gain shall have in fact been realized..... Indeed even where the gain has failed to be realized by reason of a voluntary act of the thief himself ( e.g. because he restores the thing ) ...the crime of theft juridically continues to subsist , inasmuch as the "animus lucrandi" was present at the time of appropriating the thing."**

Il-Qrati taghna fir-rigward ta' dan ir-rekwizit dejjem sostnew illi r-reat ta' serq jkun jezizti xorta anke jekk il-malvivnet ma jaghmilx tali qliegh stante li mhuwiex meħtieg li tali qliegh fil-fatt sehh. Fil-fatt il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Jonathan Grech'[9] sostniet illi:

**"L-aggravju li ma kienx hemm l-element tal-lucro ukoll mhux sorrett mill-provi ghaliex ghalkemm hu veru li l- appellant ma lahaqx ikkompleta l-intenzjoni furtiva tieghu, l-element mhux li jkun hemm lucru imma li l-att furtiv isir " con animo di farne lucro" u cioe' li l-asportazzjoni issir bl- intenzjoni li dak li jkun jikseb qliegh jew vantagg "animo lucrandi" u mhux li dak il-qliegh jew vantagg jikkonkretizza ruhu bis-success tas-serqa."**

Dan il-punt *Maino* jispjegah hekk:

**"il profitto ...deve intendersi cosi' nel senso di lucro potenziale e possibile e di lucro non soltanto materiale, ma nell'ampio senso della parola."**

L-esponenti b' umilta jistaqsi lil dina l-Onorabbli Qorti kif qatt setgha legittimament u ragjonevolment jinstab hati ta' serq meta skond id-duttrina tal-Qrati taghna r-reat tas-serq huwa komplut hekk kif l-

[9] Deciza nhar il-31 ta' Lulju, 2008 per Onor. Imhallef J. Galea Debono

oggett li jappartjeni lil haddiehor jintmiss bl-intenzjoni li jigi misruq u sa dan it-tant l-appellant lanqas biss kien jaf li Cassar kien qieghed jisraq ahseb u ara kemm waqt il-kummissjoni ta' dana i-reat kellu l- "animo lucrandi"?

Fil-fatt l-appell tal-esponenti hu ppernjat fuq dan il-punt. Kif jista' jkun li l-appellant kellu l- "animo lucrandi" meta waqt il-kummissjoni ta' dana ir-reat huwa ma kienx jaf li siehbu qieghed jisraq? Ghall-kuntrarju huwa fatt pruvat li l-esponenti sar jaf b'dan is-serq wara li r-reat kien diga komplut. Madanakollu l-ligi tirrekjedi li dan l-element formali irid ikun jissubsisti waqt il-kummissjoni tar-reat. Dak li allura jrid johrog mill-atti probatorji mhuwiex biss l-att materjal li jindika il-presenza fizika tal-akkuzat fuq il-post tad-delitt ghaliex dan l-element wahdu ma jistax jistabilixxi r-reita' pero' jehtieg ikun pruvat dan l-element formali specifiku wkoll. Anke jekk l-akkuzat kien prezenti u kien is-sewwieq fuq il-post tar-reat, xorta wahda il-provi huma mankanti fl-iktar element importanti sabiex tigi stabbilita htija fil-persuna tal-esponenti.

Il-prosekuzzjoni fin-nuqqas ta' xi prova diretta jew indizzjarja dwar dan l-element formali, ippruvat taghmel kapital shih fi sfera ta' kongetturi u supposizzjonijiet. Fl-umli fehma tal-esponenti, ghalkemm il-Prosekuzzjoni tista' tispekula kemm trid, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn aktar u ma humiex ibbazati fuq provi konkreti fl-atti. Skond l-insenjament tal-gurisprudenza nostrana, li llum il-gurnata hija ormai wahda palesi. ikun perikoluz hafna u detrimentali ghad-drittijiet fundamentali tal-individwu li kieku l-Qrati Kriminali taghna jibdew jistriehu fuq supposizzjonijiet, kongetturi jew emozzjonijiet biex jaslu ghall-gudizzju.

A bazi tas-su espost, bir-rispett, tifli kemm tifli l-assjem tal-provi hemm biss suspetti u kongetturi li ma humiex prova la diretta u lanqas indizzjarja. Hu ghalhekk li dan il-verdett ma huwiex *safe and satisfactory to be confirmed on appeal.* Din hija kawza tipika fejn il-Prosekuzzjoni lahqat biss il-grad tal-prova fuq livell tal-possibli, li

lanqas f'kamp civili, jew sahansitra dak amministrattiv, ma jregi – ahseb u ara fil- kamp penali. Ghalhekk bla tlaqliq jinghad li dina l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha ssegwi l-massima *in dubio pro reo* u ma ssibx lill-imputat hati ta' din l-imputazzjoni hekk kif dedotta fil-konfront tieghu.

## B. <u>Dwar punti ta' dritt</u>

### B.1. Dwar is-serq

Minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti, l-esponenti jishaqq li l-Ewwel Onorabbli Qorti applikat artikoli tal-ligi li ma humiex sorretti mil-provi u b'hekk huwa gie misjub hati hazin.

*B.1.a dwar l-aggravju tal-mezz*

L-esponenti gie misjub hati ta' serq aggravat bil-mezz, hin u xorta tal-haga misruqa ossia a tenur tal-artikolu 261(b), 261(f) u 261(g) tal-Kodici Kriminali. Dwar l-applikabbilita` ta' l-artikolu 261(f) ossia l-aggravju tal-hin ma hem l-ebda kontestazzjoni, pero` hem kontestazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-aggravji l-ohra.

L-artikolu 261(b) tal-Kodici Kriminali, jrid jinqara fid-dawl tad-definizzjonijiet moghtija permezz tas-sub-artikoli (a) jew (b) tal-artikolu 263. Fil-kaz odjern huwa palesi li s-sub-artikolu (b) ma japplikax ghal kaz odjern.

Is-sub-artikolu (a) tal-artikolu 263 jrid jinqara fid-dawl tad-definizzjonijiet moghtija permezz tal-artikoli 264, 265 u 266. L-artikoli 265 u 266 kjarament ma humiex applikabbli ghal kaz

odjern dana stante li s-sit ma kienx imsakkar b'xi katnazz, u li lanqas ma nstabu xi provi li juru li kien hemm xi skalata tal-hajt ta' recint tas-sit.

B'hekk sabiex l-esponenti seta` qatt jinstab hati tas-serq aggravate bil-mezz, jfisser li trid tezisti xi prova in atti ta' ksur hekk kif definit fl-artikolu 264, li b'hekk jrendi applikabbli l-artikolu 263(a) tal-Kodici Kriminali.

L-uniku hjiel ta' prova in atti hija kumment moghti mil-ispettur Kieth Arnaud a folio 56 tal-atti fejn jghid: "gie ifotografat is-sit kollu, inkluz l-isgass li kien hemm...". Sabiex wiehed jifhem din l-opinjoni tal-ispettur Arnaud, trid issir riferenza ghar-ritratt FS111988 11CYL 102 misjub a folio 64 tal-atti, formanti parti minn dok KA3.

Jistaqsi l-esponenti, min huwa dak ix-xhud li ngab fl-atti li jikkonferma li s-sit meta nghalaq, kien maghluq b'mod differenti mir-ritratt a folio 64?

Domanda din li sejra tibqa minghajr risposta u dana stante li l-ebda xhud ma ngab ghal tal fini.

B'hekk meta` l-ispettur Arnaud jghid li kien hemm sgass, tali kumment ma huwa xejn aktar hlief hsieb/opinjoni/assunzjoni tal-istess ufficjal. Jigi mfakkar kif huwa obbligu legali li l-prosekuzzjoni ggib il-quddiem il-provi kollha a bazi tal-*best evidence rule*. Certament opinjoni/hsieb/suspett/assunzjoni tal-ufficjal investigator ma hijiex l-ahjar mod u metodu li jigi ssodisfat il-vot ta' dan l-artikolu.

B'hekk a bazi tas-su espost, ai fini ta' applikazzjoni ta' piena, l-artikolu 278 tal-Kodici Kriminali, ma huwiex applikabbli.

*B.1.b. dwar l-aggravju tax-xorta tal-haga misruqa*

Dan l-aggravju jemergi mil-artikolu 261(g) hekk kif imfisser fl-artikolu 271 tal-Kodici Kriminali. Stante li fis-sentenza taghha l-Ewwel Onorabbli Qorti ma tispecifikax liema sub-inciz tal-artikolu 271 tal-Kodici Kriminali, huwa applikabbli ghal kaz odjern, l-esponenti qieghed jikkontendi li hafna aktarx iva milli le, l-Ewwel Qorti kellha f'mohha li qedha tapplika s-subinciz (g) u dana stante li huwa l-uniku sub-inciz fl-artikolu 271 li jitkellem dwar vetturi.

Bir-rispett pero`, *dato ma non concesso* li huwa dan is-subinciz li huwa applikabbli, fil-kaz odjern xorta wahda ma huwiex applikabbli u dna minhabba raguni wahda. Dan is-sub inciz jishaqq li l-vettura trid tkun f'post pubbliku. Il-*locus* mertu tal-proceduri odjerni ma jista` qatt bl-ebda tigbid tal-imaginazzjoni jitqies bhala lok pubbliku u/jew espost ghal pubbliku.

Li kieku l-*locus* huwa post espost ghal pubbliku, certament jkun kuntrarju sensu meta wiehed jqis li l-prosekuzzjoni xliet lill-esponenti bl-aggravju tal-mezz hekk kif definit bl-artikoli 263(a) u 264 ossia mezz minhabba ksur, ksur ta' recint ta' "sigurta" li jrendi l-post privat.

Stabbilit il-punt u meqjus il-fatt li l-vetturi kienu f'sit "maghluq"[10] b'hekk ma hemmx applikabbilita ghall-aggravju dwar ix-xorta tal-haga misruqa.

*b.1.c. dwar il-piena dwar is-serq*

In segwitu u marbut mal-aggravji precedenti, l-esponenti

[10] Minghajr pregudizzju ghall-aggravju b.1.a

jishaqq li jekk huwa sejjer jinstab hati ta' serq, l-uniku artikolu li jirregola l-piena b'hekk huwa l-artikolu 281(a) tal-Kodici Kriminali. B'hekk jehtieg tibdil fil-piena moghtija u mposta` fuq l-esponenti.

**B.2. dwar l-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali**

Ghandu jigi mfakkar kif il-prosekuzzjoni akkuzat lill-esponenti bhala awtur fil-kommissjoni tas-serq. Bir-rispett u a skans ta' ripettizzjoni, jigi mfakkar kif fid-deposizzjoni tieghu, ir-reo Jeffrey Cassar, sahaq li huwa kien li kkommetta s-serq u li sia qabel u sia waqt is-serq l-esponenti ma kellu l-ebda involvement u wisq anqas gharfien li ser jsir tali serq.

Stabbilit dan il-punt, lanqas ma jista` b'xi mod jigi argumentat li l-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali jista` jintuza kontra l-esponenti u dana stante l-principju li *an accessory after the crime is not an accomplice.*

**B.3. dwar il-vjolazzjoni tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Minekejja li din l-imputazzjoni migjuba, bir-rispett ma tezisti l-ebda prova li turi li l-vettura ma kientix koperta b'polza ta' assigurazzjoni.

Jigi mfakkar li galadarba vettura hija licenzjata sabiex tinstaq fit-triq, dik il-vettura tehtieg li tkun koperta b'polza ta' assigurazzjoni u li din il-prova trid issir mis-sid tal-vettura mal-applikazzjoni tieghu ta' renewal tal-licenzaja tas-sewqan tal-vettura.

Fil-kaz odjern huwa palesi li il-vettura mertu ta' dawn il-procedrui ossia l-FIAT Marea, kienet hekk licenzjata u dana stante li l-imputat ma giex akkuzat li kien qieghed jsuq vettura li ma kienitx licenzjata ghat-triq.

B'hekk provi in konnessjoni ma' l-imputazzjoni a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet t'a' Malta, ma ngabux. B'hekk kif l-esponenti nstabi hati ma huwiex mifhum.

**B.4. dwar is-sentenzi esebiti a folio 121, 123 u 131 tal-atti.**

*B.4.a jekk humiex res judicata jew le*

L-uniku wahda minn dawn it-tlett sentenzi li saret il-prova, b'mod sussidjarju li kienet ***res judicata*** hija dik moghtija kontra l-esponenti nhar l-20 ta' Jannar 2011 misjuba a folio 121 tal-atti u dana permezz tad-deposizzjoni tar-rapresentant tal-Awtorita` dwar Transport Malta.

Dwar is-sentenzi misjuba a folio 123 u folio 131 dan il-konfort tal-hsieb ma jinstabx u ma jezistix. Huwa biss ir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali li jista` jikkonferma jekk sentenza hijiex res judicata jew le. L-uniku haga li temergi minn dawn is-sentenzi hija dik li l-kopja ta' kull sentenza hija kopja legali u xejn aktar.

B'hekk dejjem a bazi tal-*best evidence rule* li hija obbligu legali impost fuq il-prosekuzzjoni, galadarba tali prova ma saritx, dawn iz-zewg sentenzi ma jistghux jintuzaw u jitqiesu bhala provi validi ai fini ta' l-applikazzjoni tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll dwar il-vjolazzjoni tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

*B.4.b. jekk gewx skontati jew le*

Fid-dawl tal-gurisprudenza ta' dina l-Onorabbli Qorti[11], sakemm ma ssirx il-prova mil-prosekuzzjoni li piena konsistenti f'multa giet imhallsa fis-shih, dik id-decizjoni, dejjem jekk res judicta, ma tistax titqies li hija prova valida ai fini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Fil-kaz odjern id-dokumenti esebiti a folio 121 u 131 it-tnejn li huma mponew piena ta' multa. Pero` min imkien mill-atti ma tezisti l-prova li dik il-multa thallset u/jew li giet skontata in segwitu ghal konverzjoni tal-istess fi prigunerija.

*B.4.c. l-applikabbilita tal-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali*

*Dato ma non concesso* li t-tlett sentenzi huma *res judicata*, u *data ma non concesso* ukoll li l-multi gew imhallsa, tenut kont li l-ebda wahda mis-sentenzi esebiti ma ttrattat mal-esponenti dwar serq konkluz, l-esponenti ma seta qatt jinstab hati u jigi applikat fil-konfront tieghu l-aggravju tal-piena bir-recidiva specjali tas-serq ossia l-artikolu 289.

## C. <u>Dwar il-Piena</u>

### C.1. Generali

Dan l-aggravju qieghed jingab il-quddiem minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti.

Illi fl-umli fehma tal-esponenti, tenut kont ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, il-piena mposta fuqu ma hijiex wahda ekwa u gusta ghal kaz odjern u b'hekk timmerita temperament. Fil-fatt l-appellant isostni illi

[11] Il-Pulizija v. Richard Edwards, deciza 13/10/10 appel 233/2010 per Onor. Imh. D. Scicluna;
Il-Pulizija v. Keith Camilleri, deciza 13/10/10 appel 178/2010 per Onor. Imh. D. Scicluna;
il-Pulizija v. Anthony Borg, deciza 16/11/06 per Onor. Imh. J. Galea Debono

l-piena karcerarja nflitta fuqu, tenut kont it-tipologija u s-severita' tar-reat, kienet wisq harxa.
Kenny fil-ktieb tieghu *'Outlines of Criminal Law'* jghallem li:

**"As regards the offence, account must be taken: (1) of the greatness or smallness of the evil likely to result from acts of its class; (2) of the facility and difficulty with which it can be committed or, again with which it can be detected; (3) of the frequency or rarity with which, at the particular time concerned, acts of this class are being committed; (4) of the aggravating or extenuating circumstances which accompanied this particular act...**

**As regards the offender himself, account must be taken: (1) of his age, health and sex; (2) of his rank, education, career and disposition; (3) of his motive; (4) of any temptation, or intoxication under the influence thereof he acted; (5) of his susceptibility to punishment..."**

Primarjament dina l-Onorabbli Qorti ghandha tikkunsidra li r-*res furtiva* giet ritornata lil sidha immedjatament. L-appellant ihoss li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma tatx l-importanza misthoqqa fir-rigward tar-restituzzjoni tal-*fuel* kollu misruq, liema restituzzjoni hija dedotta mill-provi prodotti u esebiti fl-atti processwali tal-kawza quddiem l-Ewwel Qorti.

Minn dan l-ambitu, il-Profs. Mamo jghallem:

**"Restitution of the thing or compensation operates only in mitigation of punishment in certain cases."**

Il-provi juru kif l-appellant gie uzat u mmanipulat minn Cassar ghall-iskopijiet tieghu. Ghaldaqstant l-esponenti jemmen illi l-Ewwel Onorabbli kellha tikkunsidra dawn il-fatti ghall-konsiderazzjoni tal-

piena. Fil-fatt kif juru l-fatti u kif jixhed Cassar stess, l-istess Cassar abbuza mill-appellant stante li l-esponenti ghandu karozza u allurra wiehed facilment setgha jikkonkludi illi l-esponenti kien *'in the wrong place, at the wrong time, in the wrong circumstances.'* Wiehed facilment u minghajr ebda dubju jistgha jghid illi Cassar, bhala "habib" tal-esponenti, minflok mexa ta' "habib" dahhal lill-esponenti bejn il-basla u qoxritha.

Fl-omelija tieghu, l-Arcisqof Charles J. Scicluna nhar it-Tnejn 3 ta' Ottubru 2016 fil-ftuh tas-Sena Forensi indirizza lill-gudikatura u priedka:

**"Fis-Sena tal-hniena mhux qed nistieden lill-gudikatura, lill-magistratura biex ikunu soft, biex nghidu 'ejjew nagħmlu d-*discount*', dak il-konfessur jista' jagħmillek d-*discount* fuq il-penitenza meta tmur tqerr. Inti tuza l-ligi biex il-gustizzja issir espressjoni tal-hniena meta qed taghti lil kull wiehed jew kull wahda dak li haqqhom, imma qed tahdem ukoll għar-riabilitazzjoni tal- aggressur u anke tal-vittma. Kultant kritika li ssir lis-sistema taghna hija li ahna forsi ghadna qed nizviluppaw sensibbilità għall-eziġenzi li jkollhom il-vittmi. Jiena nħobb ninsisti li d-dannu għandu jirrizarcih, jagħmel tajjeb għalih, min jagħmel il-hsara. U s-socjetà hija wkoll vittma tal-aggressur imma hemm bzonn ukoll nahdmu ghar-riabilitazzjoni ta' min ikun zbalja jew ta' min, minhabba storja trawmatika f'hajtu, ghandu operat jew inkella imgieba antisocjali li kultant is-sentenzi tagħna ma nafx kemm jgħinuh johroġ minnha din il-haga, imma forsi jaghmluh izjed kiefer fl-atteggjament tieghu lejn l-oħrajn."**

Ghalkemm l-esponenti jifhem li zbalja, madanankollu, fl-umli fehma tieghu, l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tiehu konjizzjoni ta' dawn ic-cirkustanzi fl-gharbiel tal-provi ghad-determinazzjoni tal-piena. L-

appellant, filwaqt li jaghmel referenza ghal dak li ddecidiet il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet, "Il-Pulizija vs Rittmar Hatherly et."[12]:

**"Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija."**

Jistaqsi l-esponenti, jekk din l-Onorabbli Qorti f'kazijiet fejn l-akkuzat ma jkunx ta' eta' zghira u jkun recidiv, tasal biex toffri lill-akkuzat opportunita' li jbiddel hajtu minghajr ma tghabbih b'pieni esagerati li kapaci jwasslu ghal reati ohrajn, ghalfejn fil-kaz tieghu le?

Dan kollu huwa relevanti ghall-dak li l-Qrati taghna sejhulu *a window of opportunity* fejn il-piena tkun mibdula ghal wahda aktar miti f'cirkostanzi li juru li l-imputat jew l-appellant ghamel progress fil-hajja tieghu u ddemostra sinjali cari ta' allontanament mill-hajja refrattarja tieghu.[13] Meta jkun hemm disponibiltà u rieda tajba l-Qorti dejjem izzomm miftuhin it-twieqi ghall-bidla u ghall-progress li dik il-persuna tkun tixtieq timmanifesta.

**C.2. dwar il-konfiska**

Tenut kont li l-vettura ma hijiex u ma taqax fil-parametri tal-definizzjoni tal-*corpus delicti*, hekk kif imfisser fl-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali, l-esponenti qieghed jirregistra l-oppozizzjoni tieghu ghal tali konfiska u dana tenut kont tal-fatt li ma tezisti l-ebda bazi legali ghal tali konfiska.

Ikkonsidrat;

---

[12] Deciza nhar id-9 ta' Ottubru, 2008 per Onor. Imhallef V. DeGaetano

[13] Vide Il-Pulizija vs Nathalie Felive deciza nhar l-4 ta' Dicembru, 2014 mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef M. Mallia

Illi l-ilment ewlieni li l-appellanti iqanqal f'dan l-appell minnu intentat huwa li l-Ewwel Qorti malament sabitu hati tar-reat tas-serq ta' fuel u dan bhala l-awtur tad-delitt meta il-provi in atti juru illi ma kienx hu l-persuna li ikkometta l-att materjal tar-reat kif ukoll billi lanqas hemm provi li jindikaw li hu kien jaf li Jeffrey Cassar li materjalment seraq il-fuel kien ser jikkometti din is-serqa u kien biss wara meta Cassar tallbu l-ghajnuna sabiex ighabbi it-tlett laned tal-fuel fil-vettura tieghu illi huwa gie a konoxxenza tal-fatt illi Cassar kien ghadu kemm ikkometta dan is-serq. Illi ghalhekk l-appellanti jikkontendi illi l-elementi mehtiega skont il-ligi sabiex jisussisti r-reat tas-serq ma jezistux fil-konfront tieghu kif lanqas il-figura tal-komplici ma tista' tikkonfigura billi semmai huwa kien biss accessorju wara l-kummissjoni tal-fatt jew dak li fid-dottrina ingliza jissejjah "*an accessory after the fact*" meta ghen u assista lill-awtur tar-reat jahrab mill-id tal-gustizzja.

Issa fil-ligi Maltija l-figura tal-"*accessory after the fact*" li tezisti fil-ligi Ingliza ma tiffurmax parti minn dawk ic-cirkostanzi indikati fil-ligi, biex ikun hemm komplicita' fir-reat[14]. Illi l-ligi taghna titkellem fuq il-figura tal-komplici fid-disposizzjonijiet tal-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali u huwa biss f'dawk ic-cirkostanzi illi titwieled r-reita' fil-komplici, hati daqs l-awtur, ghall-kummissjoni tar-reat. Dan ifisser illi ma hemm l-ebda disposizzjoni tad-dritt penali taghna fejn hija penalizzata l-figura ta' dak li ghalkemm ma kienx parti fil-kummissjoni tar-reat u lanqas kien parti fit-thejjija ghal kumissjoni ta'l-istess, madanakollu jassisti lill-awtur wara li jkun sehh l-event kriminuz konsapevoli allura li jkun twettaq reat, ghalkemm tista tirrizulta r-reita' ghal xi delitt iehor, izda mhux dak tas-serq.

Illi d-dottrina in materja dwar il-figura tal-komplici fil-ligi nostrana, fejn allura din il-figura tal-*accessory after the fact* giet ukoll mistharrga, giet superjorment analizzata f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-

---

[14] Il-Pulizija vs Shirley Chircop deciza 06.06.2002.

kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Lorita Pace[15]. Hemmhekk saret referenza ghal dak li ighid l-gharef Professur Sir Anthony Mamo li jghallem:

*"A man may be held responsible for an offence, even though he may not have done the act which constitutes that offence, if he had done some other act which has helped towards the commission of the offence and had done the act in pursuance of a common design to commit that offence."*

Tkompli tirreferi ghal dak li ighallem il-Mamo din id-decizjoni li:

*"Concurrence after the fact is impossible. All that comes after the event cannot be the cause thereof..... it is extraneous to its happening whatever its connection with it. Thus to receive stolen articles, or to harbour a fugitive from the prsions, or to conceal the dead body of a murdered person, cannot in themselves be considered as a participation in the respective crimes. All such actions may be, in fact, are made punishable by the law as offences 'sui generis' but it would be absurd to regard them as forms of accession to the crime. Nor can it be objected that such actions are very often but the carrying out of a previous promise; for, in any such case, the antecedent promise being made to appear, it would be such promise made before the event that would constitute complicity and not its fulfillment after the fact."*

"Illi dwar il-prova necessarja biex tirrizulta imputazzjoni ta' komplicita f'reat imwettaq minn persuna ohra huwa stabbilit fil-gurisprudenza li jrid jirrizulta sodisfacentement pruvat mill-prosekuzzjoni ... li l-imputat (i) kien jaf li l-awtur kien ser iwettaq id-delitt u (ii) li hu deliberatament ghenu biex hekk iwettaq id-delitt billi ghamel xi haga li tinkwadra f'wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) tal-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali. Is-semplici fatt li l-imputat mar ma' l-awtur, u anke kien fuq il-post waqt li dan wettaq id-delitt in kwistjoni, ma jfissirx necessarjament li hu kien jaf x'kellu f'mohhu. Il-Qorti ta'l-Appell Kriminali pero iccarat li:

"Huwa veru li l-presenza ta' persuna fuq il-post tad-delitt u waqt li jkun qed jigi kommess id-delitt tista' tammonta ghall-komplicita` f'dak id-delitt kemm-il darba jkun jirrisulta li bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien

[15] Per Magistrat Doreen Clarke deciza 30/06/2014

hemm il-hsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt.[16]"

Illi allura x'kien l-involviment ta'l-appellanti fil-kummissjoni tar-reat ta' serq mertu tal-kaz jista' jemergi biss mill-atti probatorji u cioe' jekk kienx komplici fil-kummissjoni tar-reat billi ghen lill-awtur tieghu b'wiehed mill-modi imfissra fl-artikolu 42 u li allura kien jezisti dak 'l hekk imsejjah *common design*, jew inkella jekk huwa, injar mill-fatt illi l-persuna li kien fil-kumpanija tieghu kien ser jikkometti reat, jispicca involut wara li ikun gie kommess ir-reat izda xortawahda joffri l-assistenza tieghu.

Illi: ..... *"as Timothy Jones and Michael Christie point out in the second edition of Criminal Law: "Proof of the agreement essential to a criminal conspiracy will generally be inferential. Sometimes overt acts will have been committed by some or all of the accused, but this will not always be the case. But even if there have been some such overt acts, the existence of mens rea, in the form of an agreement and commitment to the criminal purpose of the conspiracy, will have to be proved by inference. For example, if a group of men is apprehended wearing masks and carrying weapons while sitting in a car outside a bank, there is a clear inference to be drawn that there is an agreement to rob the bank. The group is unlikely to be there for any other purpose. Lord Justice-Clerk Grant pointed out to the jury in H.M. Advocate v. Wilson, Latta and Rooney (1968): "You won't often get eye-witnesses of the agreement being made or eavesdroppers who actually hear it being made. Accordingly, in many cases it is a question of judging from the acts of the alleged conspirators whether in fact there was a conspiracy between them in pursuance of which they are acting.[17]"* (sottolinjar tal-Qorti).

Issa mill-atti probatorji jirrizultaw is-segwenti fatti:

1. Illi permezz ta' telefonata anonima l-pulizija kienu gew infurmati nhar it-23 ta' Novembru 2011 illi minn gewwa sit ta' kostruzzjoni f'

[16] Il-Pulizija vs Lorita Pace

[17] "The Republic of Malta vs Steven John Lewis Marsden"

Birkikara kien sehh serq ta' fuel minn go ingenji u vetturi li kien hemm f'dan is-sit minn zewg guvintur fejn inghatat ukoll informazzjoni dwar il-vettura li intuzat f'din is-serqa.

2. Ftit tal-hin wara li kienu skattaw l-investigazzjonijiet tal-pulizija, giet intercettat dina l-vettura gewwa Hal Qormi u imwaqqfa minn zewg ufficjali tal-pulizija. Din il-vettura kienet qed tinsaq mill-appellanti u riekeb bhala passiggier kien hemm certu Jeffrey Cassar (li inizjalment kien ko-akkuzat ma'l-appellanti f'dawn il-proceduri izda ammetta ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u l-kaz fil-konfront ta'l-istess ghadda in gudikat).
3. Minn tfittxija li saret fil-vettura instabu fil-bagoll sitt laned tal-25 litru-il wahda fejn erba' minnhom kienu mimlijin fuel. It-tnejn l-ohra kienu vojta. Fuq is-sedil ta' wara tal-vettura instabu zewg laned ohra vojta. Flimkien ma' dawn il-laned kien hemm ukoll lieva, cutter kbir ta' kulur ahmar, pompa tal-plastik biex jingibed il-fuel fost xi ghodda ohra. Taht is-sedil tax-xufier instab tornavit kbir. Instab tornavit iehor taht is-seat tal-passiggier. Mill-vettura gew elevati ukoll zewg pari ingwanti. Fil-*glove compartament* kien hemm xi munizzjon.
4. Illi Jeffrey Cassar irrilaxxja stqarrija lill-pulizija fejn huwa jispjega kif sehhet din is-serqa, bl-appellanti jistennieh barra fil-vettura waqt li hu kien qed jaghmel is-serqa u imbaghad kif lesta newwielu l-laned u dan ghabbiehom fil-vettura. Ighid ukoll illi l-ghodda kollha li instabet fil-vettura u li intuzat fil-kummissjoni tar-reat hija kollha tal-appellanti. Ighid illi din l-ghodda l-appellanti ghaddihielu kif wasslu fuq il-post. Jikkonferma illi huwa informa lill-appellanti li kien ser jikkometti dan ir-reat meta wasslu vicin is-sit u li l-appellanti f'dan il-mument offra li ighinu. Isostni ukoll illi il-ftehim kien illi l-laned li insterqu bil-fuel kienu ser jinqassmu bejniethom.
5. Illi l-appellanti ukoll irilaxxja stqarrija fejn jichad illi huwa seraq il-fuel u ighid li kien Cassar li tallbu iwasslu sa Birkirkara gewwa dan is-ist ta'kostruzzjoni biex ighabbi xi fuel. Ftiehmu illi ghal dan ix-xoghol Cassar kellu jaghtih landa mill-erba laned li kien ser jigbor mill-post. Ighid illi meta wasslu fuq il-post baqa' barra izda ghen lil Cassar ighabbi il-fuel fil-vettura. Ighid li assuma li Cassar kien seraq

dan il-fuel ghax jaf illi siehbu ma kellu l-ebda konnessjoni mas-sit ta' kostruzzjoni fejn tallbu iwasslu dak in-nhar. Jammetti ukoll li l-ghodda u l-laned li instabu fil-vettura kienu kollha tieghu.

6. Jeffrey Cassar jixhed fis-seduta tas-07 ta' Frar 2012 billi l-proceduri fil-konfront tieghu ghaddew in gudikat, fejn kien riluttanti hafna sabiex iwiegeb il-mistoqsijiet li kienu qed isirulu u kien qed jipprova joqghod attent li ma jimplikax lill-appellanti fil-kummissjoni tar-reat, meta ghal hafna mill-mistoqsijiet iwiegeb li ma jiftakarx kuntrarjament ghall-istqarrija rilaxxjata minnu fejn jispjega ezattament dak li gara. Ma huwiex car lanqas fir-risposti tieghu jekk l-ghodda li uza sabiex jikkometti r-reat kenux tieghu, sabhomx fuq il-post jew kenux jappartjenu lill-appellanti. Illi madanakollu mir-rapport ta'l-espert Joseph Mallia jirrizulta illi imqass li instab fil-vettura ta'l-appellanti intuza sabiex inqata' pipe li gie uzat biex jinsteraq il-fuel. Ikompli ighid izda li waqt li l-appellanti kien qed ighinu ighabbi l-laned fil-vettura huwa kien jaf li dawn kien qed jisraqhom u fil-fatt tallbu wahda minnhom.

Illi minn dawn ir-rizultanzi processwali din il-Qorti tqies illi il-provi indizzjarji f'dan il-kaz abbinat ma' dak mistqarr kemm mill-appellanti stess fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija kif ukoll mill-istqarrija ta' Jeffrey Cassar u x-xhieda moghtija minnu sussegwentement huwa indubitat illi kien jezisti l'hekk imsejjah common design bejnu u bejn Cassar sabiex isir is-serq tal-fuel mertu tal-kaz.

Illi d-dottrina tghallimna illi:

*" L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-*

*rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skont il-ligi*[18]*."*

Illi l-fattispecje jew indizji f'dan il-kaz indubbjament iwasslu sabiex jaghtu tifsira wahda ghal dak li kien qed isehh fuq ix-xena tar-reat. Kif inghad fil-kaz fl-Ingilterra *DPP vs Kilbourne,* meta l-provi indizzjarji gew imqabbla mal-kordi tal-habel:

*"One strand of the cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength.*

*Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction, or more than a mere suspicion; but the whole, taken together, may create a strong conclusion of guilt, that is, with as much certainty as human affairs can require or admit of.*[19]"

Dan ghaliex dak illi johrog mill-atti probatorji u precizament mill-provi indizzjarji hawn fuq indikati, mhuwiex biss il-presenza fizika ta'l-appellanti fuq il-post tad-delitt ghaliex dan l-element wahdu ma jistax jistabilixxi r-reita', izda ukoll jirrizulta illi kien hemm is-sehem attiv fil-kummissjoni tar-reat minn naha ta' Cassar bl-appellanti qed jassistieh biex b'hekk jirrizulta l-hekk imsejjah "*common design*" bejniethom; b' Cassar iwettaq l-att materjali tar-reat u cioe' billi jikkometti s-serqa tal-fuel mill-ingenji li kien qed jigi trasferit permezz ta' *pipe* u pompa ghal gewwa *jerry cans* u l-appellanti li mhux biss wassal lil Cassar fuq ix-xena tad-delitt, izda assistieh b'mod shih fil-kummissjoni tar-reat billi ipprovdielu l-ghodda biex ikun jista' jaghmel is-serqa, liema ghodda instabet kollha fil-vettura ta'l-appellanti u *ex admissis* kienet tappartjeni lilu, u imbaghad qaghad jistenna lill-imsemmi Cassar hdejn il-karozza biex ighinu ighabbi dawn il-laned tal-fuel fil-vettura tieghu. Mhux biss izda anke kien hemm il-ftehim pre-ordinat kif kellha tinqasam ir-*res furtiva* bejniethom. Illi allura certament ma jistax jinghad illi l-appellanti kien "an accessory after the fact", izda kien komplici fil-

[18] Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri – 05/07/2002 App.Sup.
[19] Blackstone – Criminal Practice 2015

kummissjoni tar-reat mal-awtur ta'l-istess Jeffrey Cassar. Dan ifisser illi ghalkemm l-appellanti ghandu ragun illi huwa ma kienx l-awtur tar-reat billi l-att materjal tas-serqa ma giex kommess minnu, madankollu huwa hati tar-reat ta' serq izda bhala komplici fil-kummissjoni ta'l-istess reat.

Issa s-serq addebitat lill-appellanti huwa aggravat bil-mezz, il-hin u ix-xorta tal-haga misruqa. Jikkontendi l-appellanti illi l-aggravanti tal-mezz u ix-xorta tal-hga misruqa ma humiex ippruvati. Illi dwar l-aggravvju tal-mezz jishaq illi ma giet ippruvata l-ebda wahda mic-cirkostanzi imsemmija fl-artikolu 263(a) tal-Kodici Kriminali billi ma hemm l-ebda prova ta' sgass jew inkella ta' skalata sabiex inkiseb l-access ghas-sit. Illi l-artikolu 264 jaghti tifsira ta' dak li jikkostitwixxi ksur meta jingahd illi:
***"taħt l-isem ta' "ksur" jidħlu kull tbattija fl-art, ksur, ħatt, ħruq, qligħ, tagħwiġ jew sgassar ta' ħajt, li ma jkunx ħajt ta' għalqa mibni bis-sejjieħ, saqaf, qofol, katnazz, bieb jew ta' mezzi oħra bħal dawn li qegħdin sabiex ma jħallux id-dħul f'dar jew f'lok ieħor jew f'reċint, jew biex isakkru jew jerfgħu fiż-żgur ħwejjeġ jew oġġetti oħra f'kaxex, fi sniedaq, f'armarjijiet jew reċipjenti oħra, u kull ksur ta' kaxxa, senduq jew reċipjent ieħor, saħansitra jekk dan il-ksur ma jsirx fil-lok fejn ikun sar is-serq."***

Issa mir-ritratti esebieti mill-ufficjal tax-xena tar-reat PS198 Arthur Debattista u senjatament mir-ritratt immarkat bin-numru 102 jirrizulta illi sabiex inkiseb access ghal dan is-sit ta' kostruzzjoni giet spustjata grada tal-hadida b'xibka hadra tghattieha li kienet qed isservi ta' eghluq ghas-sit. Mhux biss izda ukoll sabiex ittiehed il-fuel minn tank partikolari kellu jinkiser katnazz kif jidher fir-ritratti numri 129, 130 et.seq. u kif ukoll jikkonferma fix-xhieda tieghu Michael Scicluna. Illi dan ifisser illi l-azzjonijiet maghmula sabiex inkiseb access ghas-sit iwasslu ghall-aggravanti tal-mezz billi giet spustjatha grada li kienet qed iservi ta' eghluq ghas-sit u ukoll sar l-ksur li jitkellem dwaru l-artikolu 264 ta' recipjent sabiex setghet tittiehed ir-*res furtiva*. Dan l-aggravvju ghalhekk huwa infondat.

Dwar l-aggravvju tax-xorta tal-haga misruqa, jitkellem l-artikolu 271. Illi l-Ewwel Qorti ma tindikax liema mic-cirkostanzi li titkellem dwarhom il-ligi huwa applikabbli ghal dina s-serqa. Illi kif tajjeb jikkontendi l-appellanti x'aktarx illi l-uniku wiehed mis-sub-incizi ghall-artikolu 271 li jista' japplika huwa dak mahsub fis-sub-inciz (g) li jitkellem dwar serq minn vettura li tkun tinsab f'post pubbliku jew post accessibbli ghal pubbliku. Illi l-appellanti ghandu ragun f'dan l-aggravvju minnu intentat u dan ghaliex kif diga' inghad meta din il-Qorti kienet qed titkellem fuq l-aggravvju tal-mezz, jirrizulta illi is-sit tal-kostruzzjoni fejn kienu jinstabu l-vetturi u l-ingenji li minnhom insteraq il-fuel, kienu recintati, liema sit kien maghluq permezz ta' xatba tal-hadid, liema xatba kienet mghottija b'xibka hadra. Kwindi l-aggravanti dwar ix-xorta tal-haga misruqa certament ma jikkonfigurax fil-fattispecje ta' dan il-kaz.

L-appellanti imbaghad iressaq aggravvju marbut mas-sejbien ta; htija ghar-reat mahsub fl-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Jishaq illi gjaldarba gie ippruvat illi l-vettura ta'l-appellanti kienet licenzjata sabiex tinsaq fit-triq allura certament li kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni billi altrimenti il-licenzja ma kenitx tigedded. Illi l-Qorti ma tistax taqbel ma' dina il-linja ta' argumentazzjoni billi ma ifissirx illi ghalkemm tkun inharrget polza ta' assigurazzjoni fuq vettura, is-sewwieq ta'l-istess ikun necessarjament kopert bl-istess. Illi di piu' il-ligi fl-artikolu 3(1A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta jitfa' l-oneru tal-prova fuq il-persuna akkuzata sabiex turi li kienet tezisti tali polza ta'l-assigurazzjoni, haga li l-appellanti jonqos milli jipprova.
***"Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4)."***
L-ebda certifikat ta' assigurazzjoni ma hu esebiet in atti u ghalhekk mankanti dina l-prova ewlenija dan l-aggravvju ukoll qed jigi michud.

Illi l-ahhar zewg aggravvji imressqa mill-appellanti jikkoncernaw il-piena inflitta fuqu, bl-ewwel aggravvju jikkontendi illi l-addebitu tar-recidiva ma

jirrizultax ippruvat b'mod specjali dak imfassal fl-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali u finalment jilmenta illi l-piena inflitta kienet wahda eccessiva. Jishaq illi l-ahjar prova illi s-sentenzi esebieti ghaddew in gudikat trid issir permezz tar-Registratur tal-Qorti, xhud li l-Prosekuzzjoni tonqos milli tressaq.

Dwar l-addebitu tar-recidiva, jirrizulta illi fil-fatt fl-atti hemm esebieti tlett sentenzi dwar kundanni precedenti kontra l-appellanti. Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-20 ta' Jannar 2011 l-appellanti gie misjub hati ta' reati tat-traffiku u wehel il-piena tal-multa. Mill-fedina penali esebieta in atti jirrizulta illi din il-multa giet ikkonvertita f'sebghin jum prigunerija fil-25 ta' Jannar 2014. B'sentenza ohra datata 4 ta' Dicembru 2008, ghalkemm misjub hati ta' reat ta' serq, madanakollu l-appellanti gie mqieghed taht Ordni ta' Probation minflok inghata piena. Mill-fedina penali ta'l-appellanti jirrizulta illi huwa gie trattat dwar dina l-ordni ta' Probation meta kisirha b'reat iehor li gie kommess minnu matul il-perijodu ta' probation. Illi t-tielet sentenza esebieta giet moghtija ukoll mill-Qorti tal-Magistrati fl-24 ta' Frar 2006 fuq akkuzi dwar pussess ta' droga u wehel multa ta €500, liema multa giet ikkonvertita f'mitt jum prigunerija fl-20 ta' Jananr 2010. Issa fir-rigward tal-addebitu, kif ikkontemplat fl-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, l-appellanti jishaq illi bil-fatt illi l-Prosekuzzjoni tezebixxi sentenza tal-Qorti fejn l-Ufficjal Prosekutur f'dik l-istanza, jingieb bhala xhud biex jikkonferma l-identita tal-persuna akkuzata, ma hijiex prova sodisfacenti skont il-ligi billi trid issir il-prova tramite ir-Registratur tal-Qorti illi dik is-sentenza ghaddiet in gudikat u li ma hemmx xi appell pendenti fuqha u dan ovvjament meta si tratta ta' sentenza deciza in prim'istanza.

***"Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza***

***ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva.[20]"***

Illi allura bil-fatt li tigi esebieta is-sentenza tal-Qorti u issir il-prova ta'l-identita' ir-recidivita' tal-persuna akkuzata hija ippruvata. Ma hux necessarju kif jikkontendi l-appellanti illi issir il-prova li tali sentenza hija finali, iktar u iktar meta l-persuna akkuzata stess ma tkunx qanqlet din id-difiza in prim'istanza u thalli kollox ghaddej qisu mhu xejn biex imbaghad tasal issa fi stadju ta' appell u tressaq lanjanza f'dan ir-rigward. Illi meta l-Prosekuzzjoni tressaq il-provi taghha, spetta lid-difiza imbaghad biex tattakka dik il-prova permezz jew ta' provi ohra jew anke bil-kontro-ezami tax-xhud. Ma jidhirx illi l-appellanti wara li gew esebieti s-sentenzi u xehed l-Ufficjal Prosekutur ghamel il-mistoqsijiet in kontro-ezami li fil-fehma tieghu setghu ixejjnu il-prova maghmula mill-Prosekuzzjoni permezz ta' sentenza ufficjali tal-Qorti. Illi di piu' ghalkemm il-fedina penali wahedha kif inghad ma tistax tikkostitwixxi prova sodisfacenti, madanakollu l-Qorti tista' taghmel il-verfiki necessarji meta tigi esebieta sentenza tal-Qorti illi din hija wahda finali billi tara jekk l-istess tinsabx riflessa fil-fedina penali aggornata ta'l-persuna akkuzat. Illi f'dan il-kaz din il-Qorti ghamlet dawn il-verifiki u jirrizulta illi l-appellanti ma hallas l-ebda multa inflitta fuqu biex b'hekk dawn gew konvertiti f'terminu ta' prigunerija kif ukoll jidher illi anke kiser l-Ordni ta' Probation imposta fuqu biex b'hekk huwa gie itrattat ghar-reat li dwaru inhareg l-Ordni u gie ikundannat perijodu ta' prigunerija. Illi ghalhekk it-tlett sentenzi esebieti bil-konnotati jaqbblu ma' dawk tal-appellanti esebieti mill-Ufficjal Prosekutur u li ghalhekk jissodisfaw l-elementi kollha dwar l-identita ta'l-appellanti huma riflessi fil-fedina penali aggornata ta'l-appellanti minn fejn tohrog illi ma kienx hemm appell fl-ebda wahda minnhom, b'tnejn minnhom il-piena tal-multa tigi konvertita f'terminu ta' prigunerija u bl-ahhar wahda l-appellanti jigi trattat ghal ksur tal-Ordni ta' Probation. Kwindi l-appellanti ma ghandux ragun f'dan l-aggravvju u il-prova maghmula mill-Prosekuzzjoni permezz tas-sentenzi

[20] Il-Pulizija vs Paul Abela deciza App.Krim 10/09/2004

esebieti bil-konnotati jaqqblu ma' dawk ta'l-appellanti u bil-kundanni riflessi fil-fedina penali tikkostitwixxi prova shiha u sodsfacenti skont il-ligi u ma hemmx il-htiega ghalhekk illi r-Registratur tal-Qorti jikkonferma dan il-fatt. Maghdud dan, madanakollu hemm ostakolu iehor li izomm lil din il-Qorti milli tqies dawn id-decizjonijiet ai fini ta'l-addebitu tar-recidiva. Illi ghalkemm kif inghad ma jenhtiegx li issir l-prova permezz tar-Registratur tal-Qorti li dawn is-sentenzi ghaddew in gudikat u dan ghal motivi migjuba, madanakollu din il-Qorti tara illi kien jenhtieg ghal Prosekuzzjoni li jigi ippruvat is-segwenti u dan dejjem ai fini ta' dak dispost fl-artikoli 50 u 289 tal-Kodici Kriminali:

1. Illi kif inghad f'zewg sentenzi jirrizulta illi l-appellanti wehel il-piena tal-multa. Sabiex allura id-decizjoni tista tintuza ai fini ta' recidivita' kif mahsub fl-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali jenhtieg li issir il-prova illi dik is-sentenza giet skontata permezz tal-hlas tal-multa. Issa kif inghad mill-fedina penali jirrizulta illi l-appellanti ma hallasx dawn il-multi u l-istess gew konvertiti f'piena karcerarja. Madanakollu ma hemm l-ebda prova in atti illi l-appellanti fil-fatt skonta dawn is-sentenzi ta' prigunerija,.
2. Illi fir-rigward tal-Ordni ta' Probation imposta fuq l-appellanti, huwa principju ta' dritt illi billi tali Ordni ma tikkostitwixxi l-ebda kundanna allura ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni ai fini ta'l-addebitu tar-recidiva. Issa kif inghad mill-fedina penali jirrizulta illi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-31 ta' Mejju 2012, l-appellanti gie trattat ghal ksur ta' dina l-Ordni. Illi madanakollu l-Prosekuzzjoni tonqos milli tipprezenta s-sentenza fejn l-appellanti gie hekk trattat u l-fedina penali wahedha f'dawn ic-cirkostanzi ma hijiex prova sufficjenti skont il-ligi billi trid tigi esebieta id-decizjoni li tirrifletti l-kundanna inflitta fuq l-appellanti, haga li l-Prosekuzzjoni tonqos milli taghmel.

Kwindi maghdud dan din il-Qorti ma tistax tiehu kont ta'l-ebda wahda mis-sentenzi esebiti ai fini tal-addebitu tar-recidiva fit-termini ta'l-artikoli 50 u 289 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk ser ikun hemm temperament fil-piena biex jigi rifless dak hawnhekk deciz. Illi il-Qorti ma tqiesx illi ghandha ghalfejn tinoltra ruhha fl-ahhar aggravvju intentat mill-appellanti gjaldarba

ser jkun hemm temperament fil-piena. Jinghad biss illi l-Ewwel Qorti fil-piena erogata imxiet b'gustizzja lejn l-appellanti tenut kont tal-fedina penali piuttost voluminuza tieghu fejn dawn il-qrati diga ghal iktar minn okkazzjoni wahda wrew il-hniena li l-appellanti ghogbu jemfassizza fir-rikors ta'l-appell tieghu meta jaghmel referenza ghal dak li qal l-Arcisqof Scicluna lill-gudikatura ghal mod kif ghandha issir il-hniena mal-persuna akkuzata. Illi meta dawn il-qrati diversi drabi jigu wicc'imb wicc ma persuna li ghalkemm inghatat diversi opprotunatjiet beix tirriforma hajjitha tibqa' twebbes rasha u taghzel li tibqa fit-triq tad-delinkwenza, allura l-prigunerija effettiva illi l-unika piena li tista' taghmel gustizzja kemm mal-vittma tar-reat, kemm mal-persuna tal-hati, kif ukoll mas-socjeta in generali.

Finalment l-appellanti jilmenta illi l-Ewwel QOrti ma setghet qatt tghaddi ghal konfiska tal-vettura CBR051 billi din ma taqax fid-definizzjoni tal-*corpus delicti* kif imfissra fl-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali. Issa l-artikolu 23 jipprovdi hekk:

"***l-konfiska tal-corpus delicti, tal-istrumenti li servew jew li kien maħsub li jservu sabiex isir id-delitt, u ta' kull ma jkun ġie miksub bid-delitt, hija konsegwenza tal-piena stabbilita mil-liġi għad-delitt...***"

Illi ghalkemm l-appellanti jitfa' dan il-hsieb ahhari fir-rikors ta'l-appell tieghu, madanakollu ma jindikax xi mottiv singolari li fuqu qieghed jibbaza dina l-lanjanza izda jikkontendi biss illi ma hemm l-ebda bazi legali ghal tali konfiska. Issa l-ligi titkellem dwar l-istrumenti li jkunu servew sabiex isir id-delitt bhala soggetti ghal konfiska. Illi huwa indubitat illi l-vettura ta'l-appellanti CBR051 serviet sabiex fl-ewwel lok ingarret l-ghodda li intuzat sabiex gie kommess is-serq u wara fuq dina l-vettura tghabbiet ir-*res furtiva* sabiex din setghet tittiehed minn fuq il-post. Huwa indubitat ghalhekk illi l-vettura in kwistjoni hija soggetta ghal konfiska kif mahsub fl-artikolu 23 hawn fuq iccitat u kwindi dan l-ahhar aggravvju qed jigi rigettat.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi l-Qorti qieghda tilqa' l-appell biss in parte, tghaddi ghalhekk biex tirriforma is-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-appellanti hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, ghajr ghat-tieni imputazzjoni li minnha gie illiberat, madanakollu

tirrevokaha fejn ir-reat tas-serq gie aggravat bl-aggravvju tax-xorta tal-haga msiruqa u billi tirrevokaha fejn l-appellanti gie misjub hati li huwa recidiva ai termini ta'l-artikoli 50 u 289 tal-Kodici Kriminali. Tvarja ghalhekk il-piena inflitta fejn minflok dik ta' sentejn prigunerija tikkundannah il-piena ta' sena prigunerija. Tikkonferma d-decizjoni impunjata fil-bqija.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur